SANNAT

Minuti ta' l-ewwel laqgħa tat-tmien leġislatura tal-Kunsill Lokali Sannat li ġie elett fis-16 ta' Marzu 2013 li saru fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill, nhar il-Ġimgħa, 5 ta' April ta' 2013 fis-6.30 ta' filgħaxija.

| | |
|---|---|
| Preżenti: | Il-Membri |
| Is-Sindku | Philip Vella |
| Il-Viċi-Sindku | Frances Galea |
| | Joseph Bajada |
| | Maria Cassar Sultana |
| | Margaret Said |
| L-Uffiċjali: | |
| Is-Segretarju | Arthur Bajada |

Il-laqgħa bdiet wara li ntqalet it-talba.

**Item 1 Bidu tal-Laqgħa.**

1 Il-Kunsillier Margaret Said li hi l-aktar Kunsillier anzjan kienet iċ-chairman tal-laqgħa.

**Item 2 Ħatra ta' Sindku**

2 Skond l-Att Nru. XV dwar il-Kunsilli Lokali, il-Kunsillier li għandu joqgħod Sindku, għandu jkun dak il-Kunsillier elett ta' dik il-lokalita' li kiseb l-ogħla għadd ta' voti ma' l-ewwel għadd minn fost il-kandidati tal-partit politiku li f'dawk l-elezzjonijiet ikun kiseb il-maġġoranza assoluta ta' Kunsilliera ta' dak il-Kunsill. F'din l-elezzjoni kien il-Partit Laburista li kiseb il-maġġoranza tal-Kunsilliera. Il-persuna li tikkwalifika għall-post ta' Sindku skond il-liġi huwa l-Kunsillier Philip Vella. Il-Kunsillier Philip Vella ġie mistoqsi jekk jaċċettax l-ħatra ta' Sindku. Il-Kunsillier Philip Vella aċċetta l-ħatra ta' Sindku.

**Item 3 Ħatra ta' Vici Sindku**

3 Skond l-Att Nru. XV dwar il-Kunsilli Lokali, il-Kunsillier li għandu joqgħod Viċi-Sindku, għandu jkun dak il-Kunsillier elett ta' dik il-lokalita' li kiseb l-ogħla għadd ta' voti wara s-

Sindku ma' l-ewwel għadd minn fost il-kandidati tal-partit politiku li f'dawk l-elezzjonijiet ikun kiseb il-maġġoranza assoluta ta' Kunsilliera ta' dak il-Kunsill. Il-persuna li tikkwalifika għal post ta' Viċi-Sindku skond il-liġi hi l-Kunsillier Frances Galea. Il-Kunsillier Frances Galea ġiet mistoqsija jekk taċċettax il-ħatra ta' Viċi-Sindku. Il-Kunsillier Frances Galea aċċettat l-ħatra ta' Viċi-Sindku.

**Item 4 Preżentazzjoni tal-medajli lis-Sindku**

4. Is-Sindku ġie ppreżentat bl-insenia tal-Kunsill.

Il-laqgħa spiċċat fis-6.50 ta' filgħaxija.

| | |
|---|---|
| Arthur Bajada | Philip Vella |
| Segretarju Eúekuttiv | Sindku |

Kunsill Lokali – Sannat - Local Council
Triq Sannat
Sannat SNT 9020
Tel: 21554747 Fax: 21563535